MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 626/2005

**Middlesea Insurance plc**
**(C 5553) kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Standard Electronics Limited**

**Vs**

**Attrans Ltd (C 8520)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Marzu, 2005 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` elf, mija u hamsa u hamsin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1,155.34) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta` Lm1,089.26 bhala l-valur tad-danni sofferti mill-assikurat taghha konsistenti fin-nuqqas ta` 4 TV sets u 4 Video Cameras, merkanzija mportata hawn Malta bhala groupage fi trailer numru TR 8032 illi wasal Malta permezz tal-bastiment M/V Victory fil-15 ta` Marzu, 2004 u

ghal liema nuqqas is-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli u kwantu ghas-somma ta` sitta u sittin lira u tmien centezmi (Lm66.08) bhala spejjez tas-survey.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja datata 19 ta` Jannar, 2005 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 22 ta` Marzu, 2005 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens li ma hi responsabbli ghal ebda danni u fi kwalunkwe kaz ir-responsabbilita` taghha hija regolata bil-kondizzjonijiet tas-CMR u l-polza tal-karigu relattiva u inoltre gew kontestati il-valur tad-danni in kwantu ezagerati u ghalhekk it-talba kellha tigi respinta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta` konvenuta datata 2 ta` Settembru, 2005 fejn accettat ir-responsabbilita` tat-telf tat-televisions pero` fl-istess hin invokat il-limitazzjoni taghha ai termini tal-artikolu 23 tal-*Convention for the international carriage of goods by road* (CMR). Illi kwantu ghat-telf tal-video cameras, l-istess limitazzjoni tas-CMR hija applikabbli ghalkemm baqghet tikkontesta kwalunkwe responsabbilita` legali ghal dan it-telf in kwistjoni. B’riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti kollha ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensur tas-socjeta` attrici.

Innota li ghalkemm is-socjeta` konvenuta nghatat l-opportunita` sabiex tissokta bil-provi ulterjuri taghha jekk ikun il-kaz u sabiex taghmel l-osservazzjonijiet finali taghha hija naqset li taghmel dan u anqas biss dehret ghal zewg seduti in fila.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta` Standard Electronics Limited kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex jigbru xi merkanzija minn warehouse barra minn Malta u jibqghu gejjin biha hawn Malta bhala groupage gewwa container. Meta gew biex jigbru l-merkanzija minn gewwa l-warehouse tas-socjeta` konvenuta gie rimarkat li kien hemm erba` televisions nieqsa filwaqt li l-kartuna fejn suppost kien hemm erba` video cameras din instabet imqatta` u ghal kollox vojta. Il-valur ta` dawn in-nuqqasijiet kienu jammontaw ghas-somma mitluba f'dina l-kawza u liema ammont thallas mill-assikurazzjoni favur is-socjeta` Standard Electronics Ltd wara li gie s-surveyor biex jikkonferma l-istess. Dana kollu gie kkonfermat mis-surveyor Paul Ellul bil-gurament tieghu. In-nuqqas tal-merkanzija in kwistjoni gie fil-fatt notat anke fuq il-*customs release note* meta din waslet hawn Malta u tinsab ikkonfermata bil-gurament anke minn Samantha Mifsud li pprezentat id-dokumenti tad-dwana mnejn jirrizulta tali nuqqasijiet hekk kif it-trailer kien qed jinhatt hawn Malta. L-istess gie kkonfermat bil-gurament mix-xhud Sandor Cauchi li kien il-burdnar imqabbad biex jigbor ix-xoghol mill-warehouse tas-socjeta` konvenuta. L-istess nuqqas gie wkoll kkonfermat sahansitra minn Robert Farrugia, mpjegat mas-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li l-provi kollha prodotti jindikaw li tassew il-merkanzija kienet waslet hawn Malta bin-nieqes. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta kienet inkarigata bhala l-carrier biex twassal dan ix-xoghol minn barra ghal hawn Malta u kwindi ghandha terfa` r-responsabbilita` ta` l-istess. Illi tali responsabbilita` fuq is-socjeta` konvenuta tirrizulta legalment mill-artikolu 17 tas-CMR u dana partikolarment meta tqis il-fatt li s-socjeta` konvenuta b'ebda mod ma ttentat titfa` xi htija fuq l-assikurat ta` l-attur stante li l-piz tal-prova tispetta lill-istess socjeta` konvenuta ai termini ta` l-artikolu 18 ta` l-istess Konvenzjoni.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta kellha kull opportunita` li ggib il-prova taghha dwar il-limitazzjoni finanzjarja in konnessjoni ma` tali nuqqas ai termini ta` l-artikolu 23 ta` l-istess konvenzjoni u cioe` sal-limitu ta`

8.33 *units of account per kilogram of gross weight short*, hija naqset milli taghmel dan kemm fir-rigward tal-piz ta` l-oggetti nieqsa u kif ukoll dwar ir-rata applikabbli u kwindi t-Tribunal ma setax jiddeciedi fuq tali cirkostanzi li ma humiex in atti.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara s-socjeta` konvenuta kienet unikament responsabbli ghan-nuqqas ta` l-oggetti li waslu Malta kwindi tichad l-eccezzjonijiet kollha minnhom sollevati anke fuq nuqqas tal-produzzjoni ta` provi soddisfacenti dwar il-limitazzjoni ta` responsabbilita` konsegwentement ghalhekk jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma rikjesta ta` elf, mija u hamsa u hamsin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm1,155.34) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------